Avviz Numru CCT 3/15/GB

**Ian Charles Dalli**

**vs**

**Kikku Iron Works Ltd.**

Illum 25 ta' Frar 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-5 ta' Jannar, 2015 fejn ir-rikorrent talab rifużjoni ta' mija sebgha u hamsin Ewro (€157.00), rapprezentanti l-ammont li huwa hallas lis-socjeta' ntimata bhala depozitu ghal bieb tal-hadid, liema bieb baqa' qatt ma nhadem.

L-intimat ma pprezentax risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa qed jitlob id-depozitu kollu lura ta' mija sebgha u hamsin Ewro (157.00), ghaliex is-socjeta' ntimata falliet milli zzomm il-kelma taghha ghal bosta drabi u njorat kompletament l-isforzi tar-rikorrent ghal mhux inqas minn erbgha darbiet, fosthom ittra registrata.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, fejn zied jistqarr illi huwa kien ordna tieqa minghand is-socjeta' ntimata u fuq din ma kellux problemi. Waslet u twahhlet. Sadanittant,

huwa kien thajjar jordna bieb tal-hadid u fl-4 ta' Ottubru 2013, hallas depozitu lis-socjeta' ntimata fl-ammont ta' mija sebgha u hamsin Ewro (€157.00). Kompla jistqarr illi huwa kien talab lura d-depozitu ghaliex is-socjeta' ntimata ma zammitx il-ftehim u dan il-bieb ma tlestiex fiz-zmien imwieghed. Stqarr illi kien baghat diversi emails lis-socjeta' ntimata u pprova jcemplilha wkoll, pero' kien kollu ghal xejn, ghaliex sal-gurnata ta' llum, il-bieb ghadu mhux lest.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tar-ricevuta 'handwritten' u ffirmata mis-Sur Johann Xuereb in rapprezentanza tas-socjeta' ntimata (liema firma giet ikkonfermata mis-Sur Xuereb), li giet immarkata bhala Dok.ID1; kopja ta' ittra registrata li ntbaghtet lis-socjeta' ntimata, li giet immarkata bhala Dok.ID2; u kopja ta' ittra mibghuta mis-socjeta' ntimata, li giet immarkata bhala Dok.ID3.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat ma kienx ippreżenta risposta bil-miktub u ghalhekk baqa' kontumaci.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parti tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrent, billi ma ppreżenta l-ebda risposta bil-miktub ghat-talba in kwistjoni. Illi, fuq ezaminazzjoni tal-provi prodotti, jirrizulta ampjament car illi s-socjeta' ntimata naqset serjament fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrent konsumatur u ghalhekk, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrent, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' mija sebgha u hamsin Ewro (€157.00) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**